MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 522/2008

**Gutenberg Press Ltd (C 8936)**

**vs**

**Smart Malta ICT Ltd (C 41884)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Is-socjeta` intimata Smart Malta ICT Ltd (C 41884) ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` erbatax-il elf sitt mija tnejn u tmenin Euro u sebgha u disghin centezmu (€ 14,682.97 ekwivalenti ghal Lm6,303.33) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` servizzi ta` stampar moghtija lilhom fuq ordnijiet taghhom stess u li baqa` ma thallasx (kopja tal-prospett annessa u mmarkata bhala **Dok A**);

2. Is-socjeta` intimata giet interpellata thallas din is-somma izda, salv pagament akkont ta` elfejn Euro (€ 2,000 ekwivalenti ghal Lm858.60) baqghet inadempjenti (kopja ta` l-ittra bonarja datata 7 ta` Marzu, 2008 annessa u mmarkata **Dok B**);

3. L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`tissolleva ghat-talbiet rikorrenti;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tghaddi biex taqta` u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici versu s-socjeta` rikorrenti fil-bilanc ta` erbatax-il elf sitt mija tnejn u tmenin Euro u sebgha u disghin centezmu (€14,682.97) ekwivalenti ghal Lm6,303.40) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati permessi mil-ligi kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota a fol. 13 tal-process li permezz taghha Geoffrey Farrugia ghan-nom tas-socjeta` intimata ammetta t-talbiet tas-socjeta` Gutemberg Press Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lil Smart Malta ICT Limited thallas lil Gutenberg Press Limited is-somma ta`

erbatax-il elf sitt mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€14,682.97).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess Smart Malta ICT Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------